# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 3**

**Rikors numru 249/06 RGM**

**Jacqueline sive Jacoba Camilleri**

**v.**

**Joseph Camilleri**

**Preliminari**

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mill-attrici Jacqueline sive Jacoba Camilleri, u l-iehor incidentali maghmul mill-konvenut Joseph Camilleri, mis-sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) [l-ewwel Qorti] fit-30 ta' Novembru 2016, li permezz taghha dik il-Qorti [1] laqghet parzjalment l-ewwel talba attrici kif konvertita ghal wahda ta' divorzju u laqghet parzjalment it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut billi ddikjarat li z-zwieg

bejn il-partijiet tkisser tort taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom, u ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet; [2] cahdet it-tieni talba tal-attrici u cahdet ukoll it-tieni talba rikonvenzjonali rigwardanti hlas ta' manteniment; [3] laqghet it-tielet talba tal-attrici kif ukoll il-hames talba rikonvenzjonali tal-konvenut u applikat kontra z-zewg partijiet is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili; [4] laqghet ir-raba' talba attrici u laqghet ukoll ir-raba' talba rikonvenzjonali u llikwidat u ddividiet l-assi tal-komunjoni tal-akkwisiti gia` xjolta; [5] laqghet il-hames talba attrici u awtorizzatha tirreverti ghal kunjomha xbubitha "Lungaro"; u [6] innominat lin-Nutar Dottor Nicholas Briffa sabiex fi zmien tliet xhur jippubblika l-att pubbliku relattiv in ottemperanza ma' dak deciz u nnominat ukoll lill-Avukat Dottor Anna Mallia bhala kuratrici ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet b'dan illi l-ispejjez tal-perit legali, tal-perit tekniku, l-ispejjez u drittijiet konnessi mal-publikazzjonijiet tal-kuntratt pubbliku imsemmi, id-drittijiet tan-Nutar u tal-Kuratur ghall-eventwali kontumaci ikunu a kariku taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

**Mertu**

2. Din hija kawza ghal separazzjoni personali konvertita f'wahda ta' divorzju bejn il-partijiet, liema talba giet milqugha b'sentenza tal-21 ta'

Marzu 2014, fejn il-vertenzi saljenti bejn il-partijiet jikkonsistu fis-segwenti aspetti tas-separazzjoni: [i] il-htija ghat-tkissir taz-zwieg, liema htija l-partijiet jattribwixxu lil xulxin, [ii] il-manteniment li l-attrici tippretendi minghand zewgha ghaliha nnifisha u ghal binhom u [iii] il-likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, liema komunjoni tal-akkwisti kienet giet terminata bis-sahha ta' sentenza moghtija fil-15 ta' Lulju 2014.

**Is-Sentenza Appellata**

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**<u>HTIJA GHAT-TKISSIR TAZ-ZWIEG</u>**

"Indubbjament iz-zwieg tal-partijiet illum tkisser irremedjabbilment. Skont l-abbli Perit Legali, ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg jahtu z-zewg partijiet b'mod ugwali in kwantu l-komportament taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin jammonta ghal sevizzi u ingurji gravi reciproci".

"Mill-kumpless tal-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien ilu s-snin ghaddej minn diffikultajiet serji. Il-Qorti hi tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment tort tal-imgieba taghhom fil-konfront ta' xulxin, li rrendiet impossibbli l-konvivenza matrimonjali. Dan il-komportament jikkostitwixxi 'sevizzi' u 'ingurji gravi'".

"L-attrici taddebita lill-konvenut numru ta' relazzjonijiet extra-maritali, inkluz li ghandu tarbija minn mara ohra, liema allegazzjonijiet fil-fehma tal-Qorti ma gewx sostanzjati. L-akkuza ta' adulterju li ma tigiex sostanzjata minnha nnifisha tammonta ghal ingurja gravi. Jirrizulta illi

l-attrici kienet tipprova tiddomina lill-konvenut inkluz dwar il-fatt li d-dar matrimonjali kienet proprjeta' parafernali taghha. Gie ppruvat li kien hemm okkazzjonijiet fejn lill-konvenut keccietu mid-dar matrimonjali. Ezaminat il-komportament tal-attrici fil-konfront tal-konvenut il-Qorti tikkonkludi illi l-akkuzi ta' adulterju mhux sostanzjati u l-agir taghha fil-konfront tal-konvenut ikkontribwixxa ghat-tkissier taz-zwieg tal-partijiet".

"Fir-rigward tal-agir u komportament tal-konvenut, l-attrici ma rnexxiliex tipprova li l-konvenut ikkommetta adulterju. Dwar l-allegazzjonijiet ta' l-attrici li l-konvenut kien fizikament vjolenti maghha, il-Qorti tosserva li dan l-agir ma giex issostanzjat. Ma ngabu ebda provi li jistghu jikkonfermaw din l-allegazzjoni sal-grad rikjest mill-ligi, u l-attrici stess tghid fl-affidavit taghha a fol 64 illi kien biss meta bdiet dawn il-proceduri li bdiet taghmel rapporti mal-Pulizija".

"Min-naha l-ohra l-akkuzi tal-konvenut fil-konfront ta' martu li din kien mohhha fit-trattamenti tas-sbuhija u li ma kinitx issajjar u taqdi dmirijietha ma gewx sodisfacentement ippruvati. Huwa evidenti illi ma kienx hemm la minn naha u lanqas minn ohra tentattiv serju u genwin sabiex l-affarijiet jitrangaw, anzi baqghu sejrin ghall-aghar minghajr hadd mill-partijiet ma jipprova jiehu passi rimedjali sabiex ir-relazzjoni matrimonjali tigi salvagwardjata u salvata".

"Dwar l-allegazzjonijiet ta' adulterju reciproku mill-partijiet kontra xulxin, din il-Qorti taqbel mal-abbli Perit Legali illi dawn ma gewx sostanzjati minn ebda mill-partijiet. L-assjem tal-provi prodotti miz-zewg nahat, ma jistax jikkostitwixxi prova sodisfacenti ta' relazzjoni extra-maritali. Inoltre, din il-Qorti tirrileva li fix-xhieda tieghu quddiemha tat-13 ta' Mejju 2010, il-konvenut jichad li kellu relazzjoni intima ma' mara ohra, waqt li Edward Presnall li skont il-konvenut ghadu relazzjoni ma' martu, waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tal-14 ta' Frar 2011 xehed illi r-relazzjoni taghhom hija unikament wahda ta' hbiberija u jekk kien hemm xi bewsa din kienet wahda ta' hbieb. Lanqas ir-rapport u x-xhieda tal-private investigator imqabbad mill-konvenut Jonathan Mulligan ma hija konklussiva fis-sens illi ma tohloqx prova b'sahhitha bizzejjed sal-grad rikjest mil-ligi".

"Skont il-gurisprudenza su-citata, ghalkemm ma hijiex necessarja t-testimonjanza *de visu*, jehtiegu indizju gravi, precizi u konkordati, u fil-kaz odjern din il-Qorti ma tirriskontrax provi sufficjenti li thalli fil-

gudikant dak il-konvinciment morali necessarju li tassew kien hemm adulterju, la minn parti u lanqas minn ohra".

"Maghdud dan, ghalkemm l-adulterju ma giex ippruvat, jinghad illi l-hbiberiji zejda tal-partijiet ma' terzi persuni jikkostitwixxu ingurji gravi fil-konfront ta' xulxin".

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort taz-zewg partijiet li, bil-komportament taghhom reciproku, rrendew impossibbli l-konvivenza matrimonjali. Ghaldaqstant iz-zewg partijiet ghandhom jinzammu ugwalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghhom, u s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artiklu 48 tal-Kap 16 qed jigi applikati fil-konfront taz-zewg partijiet skont kif kull parti talbet fic-citazzjoni u fil-kontro-talba".

"**MANTENIMENT**

"Il-Qorti tinnota illi in kwantu iben il-partijiet huwa maggorenni, ma hemmx kwistjonijiet ta' kura u kustodja u access x'jigi deciz".

"Rigward manteniment ghal binhom jirrizulta mix-xhieda mhux kontradetta tal-konvenut, li t-tifel, li sar maggorenni madwar sitt xhur wara li gew prezentati l-odjerni proceduri, kien diga` jahdem full-time, u ghalhekk din il-Qorti ma tqisx bhala fondata it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ghat-tifel sakemm dan sar maggorenni. B'dan il-gudizzju qed jigi b'hekk deciz ukoll ir-rikors tal-attrici datat 31 ta' Lulju 2006".

"Fir-rigward tat-talba ghal manteniment reciproku maghmula miz-zewg partijiet kontra xulxin, din il-Qorti tirrileva li mill-provi rrizulta li z-zewg partijiet jahdmu u ghandhom introjtu adegwat. Inoltre, in vista tad-decizjoni taghha dwar il-htija taz-zewg partijiet ghat-tkissir taz-zwieg, kif ukoll tal-konsegwenti applikazzjoni tal-Artiklu 48 tal-Kap 16 kontra z-zewg partijiet, it-talba taghhom ghal manteniment qeghdha tigi michuda".

"**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

"Illi f' dan ir-rigward il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghas-sentenza in parte taghha tal-15 ta' Lulju 2014, li permezz taghha tterminat il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, tipprovdi kif gej:

“IMMOBBLI

“**Porzjon art ta’ 576mk fil-kontrada Tal-Labrin, sive ta’ Wied Qannotta, limiti ta’ Burmarrad**

“Mill-atti jirrizulta li din il-porzjon art giet akkwistata mill-partijiet fiz-zwieg b’kuntratt tal-11 ta’ Settembru 2001 fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Galea. Fir-rapport tieghu, il-Perit Tekniku Mario Cassar jivvaluta din l-art ghall-prezz ta’ €7000. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, l-attrici taqbel illi l-art ghandha tigi assenjata lill-konvenut, b’dan illi hija tithallas sehemha mill-valur tal-art, ossia €3500. Il-Perit Tekniku jivvaluta wkoll il-benefikati li saru fuq l-istess art fl-ammont ta’ €650. Jirrizulta, anke abbazi tal-kuntratt li l-konvenut ghamel mal-Marsovin (fol 126), illi dawn l-ispejjez kienu a karigu tieghu, u ghalhekk saru minn flus tal-komunjoni. Ghalhekk l-attrici jmissha €325 rapprezentanti sehemha mill-istess benefikati”.

“L-imsemmija porzjon art ghandha ghalhekk tigi assenjata lill-konvenut, b’dan illi huwa ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ €3825”.

“**Porzjoni art ta’ 28mk akkwistat mill-partijiet fis-7 ta’ April 1999 in atti tan-Nutar Vincent Miceli**

“Il-Perit Tekniku jistma din il-porzjon art fil-valur ta’ €1000. L-attrici tissottometti illi din l-art tista` tigi assenjata lill-konvenut b’dan illi hi tithallas sehemha”.

“Il-Qorti qeghdha tassenja tali porzjon art lill-konvenut, li ghandu jhallas is-somma ta’ €500 lill-attrici rapprezentanti sehemha mill-istess art”.

“**Il-fond ‘Paddock’, Triq id-Dwieli, Burmarrad**

“Rigward dan il-fond jezisti qbil bejn il-partijiet illi filwaqt li l-art hija parafernali tal-konvenut, il-benefikati saru fiz-zwieg. Il-partijiet jaqblu illi din ghandha tigi assenjata lill-konvenut. Il-Perit Legali wasal ghall-konkluzjoni illi l-benefikati saru fiz-zwieg izda mhux a beneficcju tal-komunjoni. Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti taqbel ma’ tali konkluzjoni, in kwantu jirrizulta illi anke wara s-separazzjoni de facto, dan il-fond sar ir-residenza tal-konvenut wahdu”.

“Rigward il-kontenzjoni tal-attrici illi ghandha tittiehed in konsiderazzjoni il-possibilita` illi din il-propjeta` tigi sanzjonata u ghalhekk hi tkun intitolata ghal sehem ikbar, jinghad fl-ewwel lok illi l-Qorti ma tiddecidiex abbazi ta’ ipotesi jew probabilita` futura. Jirrizulta li t-tentattivi sal-lum sabiex tigi sanzjonata l-binja fallew, u skont ir-rapport tal-Perit Tekniku, hemm *enforcement notice* fuq il-propjeta` sabiex din titwaqqa`. B’zieda ma’ dan hemm il-fatt li dak li sar fiz-zwieg kienu benefikati fuq il-binja ezistenti, u l-attrici hija intitolati biss ghal sehemha minn dawn il-benefikati. Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, l-izjed decizjoni gusta u ekwa hija dik esposta mill-Perit Legali u l-Qorti qeghdha ghalhekk tassenja l-imsemmi fond lill-konvenut, b’dan illi huwa ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ €28,500 rapprezentanti sehemha mill-ispiza nkorsa, skont l-istima tal-Perit Tekniku (fol 1022)”.

“**Dwar il-fond Pinky’s Nail Studio**

“Rigward il-pretensjonijiet tal-attrici fuq il-kirja percepita mill-imsemmi fond, kif ukoll dwar benefikati li allegatament saru minn flus komuni, din il-Qorti qeghdha tabbraccja u tadotta l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali u l-Perit Tekniku rispettivament, b’dan illi l-attrici ma gabet ebda prova in rigward. Lanqas ma gabet prova sabiex tirribatti x-xhieda tal-attur illi l-kirja saret ghal sena wahda biss u ma regghetx giet imgedda. Hija stess tissottometti illi l-kirja bdiet lejn tmiem is-sena 2004, u ghalhekk meta l-hajja matrimonjali ta’ bejn il-partijiet kienet ghadha ezistenti. Fid-dawl ta’ dan kollu, l-pretensjonijiet taghha ma jistghux jigu akkolti”.

**“Benefikati fuq il-fond 4, Triq il-Wardija, Burmarrad**

“Jirrizulta inkontestat illi l-benefikati fuq dan il-fond parafernali tal-attur saru fiz-zwieg. F’dan ir-rigward il-Qorti qeghdha tadotta l-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali u l-Perit Tekniku in rigward u qed tiddeciedi li filwaqt illi l-benefikati in kwistjoni ghandhom jigu assenjati lill-konvenut, l-attrici hija intitolata ghas-somma ta’ €300 rapprezentanti sehemha mill-istess benefikati skont l-istima tal-Perit Mario Cassar (fol 1023)”.

“**Benefikati fid-dar 40, Triq Sant’Anglu, Zejtun**

“Dan il-fond kien iservi ta’ dar matrimonjali ghall-partijiet. Hemm qbil li dan il-fond jappartjeni lill-familjari tal-attrici, izda hija l-attrici li tghix fl-

imsemmi post. L-attrici tikkontendi li kwalsiasi azzjoni li l-konvenut jista` jkollu ghall-irkupru ta' sehemu mill-benefikati li saru fil-fond waqt iz-zwieg ghandhom jigi indirizzati lis-sidien tal-fond u mhux lilha".

"Jirrizulta pero` nkontestat li hija l-attrici li ghadha qed tgawdi l-imsemmija benefikati u ghalhekk il-pretensjoni tal-konvenut kontra taghha tirrizulta gustifikata. Il-Perit Tekniku jaghmel stima ta' dawn il-benefikati a fol 1025 u jasal ghal total ta' €14,715. Il-konvenut huwa ghalhekk intitolat ghall-hlas ta' €7357.50 rapprezentanti sehemu mill-istess benefikati".

"**Ftehim mal-Marsovin**.

"L-attrici tippretendi wkoll likwidazzjoni ta' somma flus rapprezentanti sehemha mid-dhul tal-konvenut derivanti mill-ftehim li huwa ghandu mal-Marsovin, kif ukoll somma raprezentanti sehemha mill-frott derivanti mill-ghelieqi li l-konvenut ghandha mqabbla ghandu. Din il-Qorti tadotta l-konkluzjoni tal-Perit Legali in rigward ossia illi l-attrici ma gabet ebda prova la rigward xi frott ingabar u wisq inqas dwar il-valur tieghu. Ghalhekk il-pretensjonijiet tal-attrici in rigward ma gewx sodisfacentement ippruvati u qed jigu respinti".

"**MOBBLI**

"Kif tajjeb issolleva l-Perit Legali, ma ngab ebda elenku jew stima recenti u kompleta tal-mobbli u l-ghamara appartenenti lill-komunjoni. Din il-Qorti hija tal-fehma li dawn ghandhom jigi divizi b'mod ugwali bejn il-partijiet. Jekk ma jaqblux dwar kif ghandhom jigu divizi l-mobbli, il-partijiet ghandhom jitolbu in-nomina ta' stimatur sabiex jaghti valur il-mobbli rimanenti, jigu divizi f'zewg porzjonijiet kemm jista' jkun indaqs, u l-assenjazzjoni taghhom ssir permezz ta' polza".

"**KONTIJIET BANKARJI U INVESTIMENTI**

"Il-kontenzjoni principali tirrigwarda s-somma ta' Lm50,000 rapprezentanti parti mir-rikavat tal-bejgh tal-propjeta` tal-komunjoni u cioe' l-fond 13, Wardija Road, San Pawl il-Bahar li l-partijiet kienu bieghu ghall-prezz ta' Lm60,000. Jirrizulta illi Lm50,000 minn dan ir-rikavat gie investit fi stocks tal-Gvern, in kwantu ghal Lm25,000 fuq isem il-konvenut u Lm25,000 fuq isem l-attrici. Il-konvenut jixhed illi mill-€25,000 tieghu, huwa llikwida l-ammont ta' €14,000 sabiex xtara vettura BMW u l-€11,000 rimanenti baqghu investiti. Da parti taghha

l-attrici tixhed illi l-€25,000 li kienu fuq isimha llikwidathom sabiex tuzahom ghall-manteniment taghha u ta' binha".

"Minn Dok ECM1 u Dok SC2 a fol 614 u 616 rispettivament jirrizulta illi l-€25,000 gew zbankati mill-attrici parti f' April u parti f'Mejju 2006, meta l-partijiet kienu ga separati de facto[1] u allura zgur li tali flus ma ntuzawx ghall-beneficcju tal-komunjoni. Min-naha l-ohra l-€14,000 gew zbankati mill-konvenut fis-sena 2001 meta l-konvivenza matrimonjali kienet ghadha ghaddejja, u ghal skop preciz, ossia ghax-xiri tal-vettura BMW li ghadha tifforma parti mill-assi li jridu jigi divizi bejn il-partijiet".

"Huwa minnu wkoll dak li gie sottomess mill-Perit Legali illi l-attrici ma gabet ebda prova li dan l-ammont sostanzjali gie tassew uzat ghall-manteniment taghha u ta' iben il-partijiet, izda fuq kollox kif ga gie deciz minn din il-Qorti taht il-kap intestat 'Manteniment' jirrizulta ppruvat illi iben il-partijiet sa minn meta gew intavolati l-proceduri kellu impjieg full-time u ghalhekk ma kienx jissussisti l-obbligu tal-manteniment lejh".

"Il-Qorti qed tiddeciedi ghalhekk illi l-investimenti in kwistjoni kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u kull parti hadet taht il-kontroll esklussiv taghha is-sehem li gie investit fuq isem il-parti. Il-Qorti mhiex taccetta d-dikjarazzjoni tal-attrici illi hija nefqet Lm25,000 ghall-manteniment taghha u ta' binha stante li sew hi kif ukoll binha kellhom fiz-zmien rilevanti impieg full-time. Il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici kienet ekonomika mal-verita' f'dan ir-rigward. Stante li ma rrizultax li l-attrici uzat id-dhul mill-bejgh tal-investiment ta' Lm25,000 ghall-gid tal-komunjoni, il-Qorti qed tikkonsidra illi fir-rigward hadd mill-partijiet ma ghandu jhallas lill-parti l-ohra b'dan illi l-vettura BMW FBN 358 li inxtrat mill-konvenut u l-investiment fl-ekwivalenti ta' Lm11,000 000 (Dok SC 2 a fol 616) f'isem il-konvenut ghandhom jigu assenjati lilu. F'dan ir-rigward il-Qorti qed tiddipartixxi mill-konkluzzjoni relattiva tal-abbli perit legali".

"Kwalsiasi investimenti jew kontijiet bankarji ohra fuq isem wahda mill-partijiet ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li f'ismju jew f'isimha jkunu tali kontijiet jew investimenti".

"**<u>VETTURI</u>**

[1] Fir-rikors guramentat taghha l-attrici tippremetti illi l-partijiet sseparaw de facto f'Jannar 2006.

> "Jirrizulta qbil bejn il-partijiet, kif ikkonfermat fir-rapport tal-Perit Legali, illi l-partijiet ghandhom is-segwenti vetturi: BMW 316 (FBN-358); TOYOTA VITZ HBA 626; HONDA CBR 1100 (ABI 273); YANMAR 2310DT (ABN312); Mutur HONDA IBE 386 u QUAD BIKE (LCB 269)".
>
> "Fir-rigward tal-vettura BMW 316 (FBN-358) il-Qorti gia' iddeliberat u ddecidiet supra. Dwar il-mutur Honda IBE 386 u l-quad bike LCB 269, il-Perit Legali jikkonkludi illi kien jispetta lill-konvenut jipprova illi tali vetturi ma jappartjenux lill-komunjoni, izda tieghu baqghet biss allegazzjoni in kwantu ma gietx sostnuta bi provi. Din il-Qorti, anke b'referenza ghar-raba` domanda tal-konvenut in eskussjoni tal-Perit Legali, tinnota illi l-konvenut ma jaghmel referenza ghal ebda prova li huwa ressaq in sostenn tal-pretensjoni tieghu illi tali vetturi huma parafernali tieghu. *Affirmati non neganti incumbit probatio* – u ghalhekk in mankanza ta' prova kuntrarja, dawn il-vetturi qed jigu kkunsidrati bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti".
>
> "L-attrici tissottometti illi t-Toyota Vitz HBA 626 ghandha tigi assenjata lilha. Una volta tali vettura tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti u ma ngabitx stima taghha, il-Qorti tordna illi tali vettura ghandha tigi stmata u l-attrici ghandha thallas lill-konvenut nofs il-valur tal-istima".
>
> "Il-vetturi kollha fuq imsemmija, hlief il-BMW 316 (FBN-358) u t-Toyota Vitz nru HBA-626 ghandhom jinbieghu fis-suq miftuh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali."

L-Appell Principali

4. L-attrici pprezentat l-appell taghha b'rikors datat 20 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu talbet illi din il-Qorti "tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet taghha hekk kif mitluba fir-rikors guramentat u tichad it-talbiet tal-konvenut in rikonvenzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut.

5. L-aggravji ta' l-attrici jikkonsistu fil-qosor fis-segwenti:- [i] l-imputazzjoni lilha ta' sehem ugwali mill-htija ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-partijiet u l-applikazzjoni fil-konfront taghha tas-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili; [ii] id-decizjoni tal-ewwel Qorti li tichad it-talbiet taghha ghall-hlas tal-manteniment; u [iii] il-mod kif gew likwidati u divizi whud mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

6. Ghal dan l-appell, il-konvenut ipprezenta risposta fl-1 ta' Frar 2017 fejn, ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta, huwa jsostni li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, salv ghal dik il-parti meritu tal-appell incidentali, u illi l-appell tal-attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez.

7. Permezz tal-istess risposta tieghu, il-konvenut ressaq appell incidentali fejn talab illi s-sentenza appellata tigi varjata u riformata limitatament fejn jirrigwarda l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti taht l-intestatura "Kontijiet Bankarji u Investimenti" u tikkonfermaha fil-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

8. L-aggravji tal-konvenut huma tnejn u jittrattaw is-segwenti [i] id-decizjoni fis-sentenza appellata li assenjat lill-attrici sehem ikbar minn dak assenjat lill-konvenut mis-somma investita originarjament fil-Borza

ta’ Malta; [ii] id-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar l-assenjazzjoni lilu tal-vettura BMW FBN u dwar il-bejgh ta’ whud mill-vetturi l-ohrajn li nxtraw matul iz-zwieg.

9. L-attrici wiegbet ghal dan l-appell incidentali permezz ta’ risposta pprezentata fl-14 ta’ Marzu 2017 fejn, ghar-ragunijiet esposti fl-imsemmija risposta, hija issostni li l-aggravji mressqa mill-konvenut m’humiex gustifikati u l-appell incidentali tieghu ghandu ghalhekk jigi michud.

**L-Aggravji tal-Appell Principali**

*L-Ewwel Aggravju*

10. Permezz tal-ewwel aggravju taghha, l-attrici tikkontendi illi d-decizjoni li hija hatja daqs il-konvenut ghat-tkissir taz-zwieg hija manifestament zbaljata ghaliex, filwaqt illi taqbel li l-konvenut kien bla dubju hati, ma hemm ebda prova in atti li setghet twassal lill-ewwel Qorti biex issib htija fiha. Tilmenta illi l-agir taghha difficilment jista’ jigi mqabbel mal-imgieba tal-konvenut li skont l-attrici kien dominanti moralment u fizikament b’atti vjolenti fil-konfront taghha u ta’ binhom matul iz-zwieg, kif ukoll li ikkommetta adulterju u sahanistra abbanduna lil familtu. L-attrici ssostni illi l-imgieba taghha matul iz-zwieg kien dejjem wiehed ezemplari u hi dejjem qdiet id-doveri kollha taghha bhala

mara mizzewga. Tghid li l-fatt li thobb tikkura lilha nnifisha jew li ma kienetx taqbel mal-konvenut f'kollox ma jista' bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni jsarraf fi htija da parti taghha ghat-tifrik taz-zwieg. L-attrici tiddedika wkoll parti sostanzjali minn dan l-aggravju biex tattakka l-provi li ressaq zewgha in sostenn tal-allegazzjoni tieghu li hija kkommettiet adulterju.

11. Il-konvenut iwiegeb ghal dan l-aggravju billi jghid illi l-ewwel Qorti ikkonsidrat gustament li l-attrici ma ssostanzjat la l-addebitu tal-adulterju tieghu u lanqas l-addebitu tal-vjolenza, izda sabet lill-attrici hatja ta' ingurji gravi fil-konfront tieghu minhabba *inter alia* l-hbiberija zejda ma' terzi persuni u l-komportament hazin taghha fil-konfront tieghu. Il-konvenut izid jghid ukoll illi l-attrici ingurjatu gravament bil-persistenza taghha fl-allegazzjoni li huwa kkometta adulterju kif ukoll li kellu wild barra miz-zwieg.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

12. Dan l-aggravju huwa evidentement dirett lejn l-evalwazzjoni tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, kompriz il-kredibbilita` tax-xhieda, li wasslitha biex tikkonkludi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser minhabba tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet b'mod ugwali, senjatament sevizzi u offizi gravi. L-attrici tikkontendi illi l-imgieba taghha matul iz-zwieg kienet wahda ezemplari u ma tistax tigi ekwiparata mal-komportament

tal-konvenut li, skont hi, kellu jinsab wahdu hati ghat-tkissir taz-zwieg taghhom. Evidentement, l-attrici ma tikkontestax il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li ma ngabux provi sodisfacjenti li l-konvenut kellu relazzjoni estra-maritali, izda ticcentra l-aggravju taghha unikament fuq il-konkluzjoni dwar il-htija taghha ghal ingurji gravi u l-applikazzjoni fil-konfront taghha tas-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16. Billi huwa wkoll manifest illi l-ewwel Qorti qieset li l-allegazzjonijiet ta' adulterju reciproku mill-partijiet kontra xulxin ma gewx sostanzjati u, b'mod partikolari, osservat li l-konvenut ma ressaqx provi b'sahhithom bizzejjed sal-grad rikjest mil-ligi biex issib adulterju da parti tal-attrici, din il-Qorti ma tarax ir-relevanza tal-osservazzjonijiet li ghamlet l-attrici dwar l-inattendibbilita` tal-provi li ressaq il-konvenut in sostenn tal-adulterju taghha.

13. F'materja ta' apprezzament ta' provi, jigi ribadit[2] illi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim' istanza, hlief meta l-apprezzament tal-provi jkun manifestament zbaljat jew ghax ikun hemm ragunijiet serji[3]. Dan ma jsirx *"sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja ta' apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement*

[2] App.S 47/06 **Therese Pace v. Camela Borg**, deciz 18 Lulju 2017
[3] App.C. **Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil et** 10/01/1995

*jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta”* [**App.C. Paul Formosa v. Salvu Debono** deciza 5/10/2001]. Hija tabilhaqq il-gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti in materja illi:- *“… hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha”.* (**Borg v. Galea**, Appell, 3 ta’ Marzu 2011).

14. *“Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta’ kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar recenti u kostanti fil-materia”*[4]. Proprju ghalhekk, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-partijiet in materja tar-responsabbilita` ghas-separazzjoni u ma rravvizat xejn fl-atti li tista’ titqies bhala raguni valida illi ghalija ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi min-naha taghha kienet sodisfatta dwar l-offizi gravi kommessi mill-attrici fil-konfront ta’ zewgha.

[4] App. **Attard v Direttur tas-Sahha**, 31 Mejju 2014, riprodotta b’approvazzjoni fil-kawza App.S **Joseph John Parnis v. Mary Parnis**, 31 Ottubru 2014.

15. Jigi osservat fir-rigward illi l-attrici mhux talli ghamlet allegazzjoni preciza fir-rikors promotur taghha f'din il-kawza li ghall-firda bejn il-partijiet huwa hati l-konvenut minhabba *inter alia* adulterju, imma talli xehdet fit-tul fl-Affidavit taghha dwar episodji varji li, skont hi, huma prova tal-adulterju ta' zewgha. Tabilhaqq allegat li l-konvenut kellu wild minn relazzjoni estra-maritali u biex tfittex tissostanzja dan is-suspett taghha, li wara kollox issawwar minn interpretazzjoni pjuttost esagerata u estensiva ta' kumment li skont hi ghadda l-konvenut, talbet[5] li jsiru ricerki fir-Registru Pubbliku biex jigi konstatat jekk zewgha giex registrat bhala missier ta' wild imwieled barra miz-zwieg. L-attrici kompliet tippersisti f'dawn l-allegazzjonijiet billi talbet[6] li jitwettqu r-ricerki mehtiega biex tipprova l-adulterju ta' zewgha, anke wara li r-rapprezentant tad-Direttur tar-Registru Pubbliku xehed li r-ricerka mitluba mill-attrici ma setghetx issir b'mod prattiku, kif ukoll billi ressqet lill-konvenut jixhed fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2010 specifikatament biex jikkonferma kienx adulteru u jekk kellux wild iehor barra miz-zwieg. Izda fuq kollox, jigi osservat illi minkejja l-falliment totali tal-isforzi taghha biex tipprova l-adulterju ta' zewgha ukoll b'allegazzjoni li dan kellu wild minn relazzjoni estra-maritali, l-attrici baqghet tippersisti f'din l-allegazzjoni meta regghet qanqlitha fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha[7].

[5] Seduta tal-25 ta' Jannar 2009.
[6] Rikors tal-attrici tal-4 ta' Dicembru 2009.
[7] Para. 4 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici, a fol. 387.

16. In propositu issir referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti Civili, Prim' Awla fis-sentenza taghha tat-2 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Hugh Greengrass v. Lucia Greengrass:**- "*Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni".*

17. Il-konsiderazzjonijiet premessi, maghdud maghhom il-hbiberija zejda li l-attrici kellha ma' Fred Edward Presnall li l-ewwel Qorti qieset bhala offiza gravi fil-konfront tal-konjugi l-iehor, fil-fehma ta' din il-Qorti jikkonfortaw pjenament il-konkluzjoni fis-sentenza appellata li l-attrici hija hatja ta' ingurji gravi fil-konfront tal-konvenut, izda mhux ta' adulterju.

18. L-attrici tilmenta wkoll illi meta waslet ghall-konkluzjoni li kien l-agir taghha li wassal ghat-tkissir taz-zwieg, l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza illi l-konvenut dejjem kellu kontroll assolut morali u fiziku fuqha u kien ukoll vjolenti maghha, oltre li abbandunaha meta telaq mid-dar matrimonjali. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi ghal dak li jikkoncerna l-agir taghha, il-provi juru li ma kien hadd hlief l-attrici nnifisha li kienet

dominanti u kontrollanti waqt iz-zwieg. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-agir tal-attrici ma jammonta ghal xejn inqas minn agir sevizzjevoli[8] skont kif definit mill-gurisprudenza pacifika in materja.

19. Fis-sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru 2015 fl-ismijiet **Jayne Margaret Chetcuti v. Lawrence Chetcuti,** din il-Qorti rriteniet illi:

> "… mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]." Kif osservat fil-kawża ċitata mill-ewwel Qorti PA Catherina Agius v Benedict Agius, deċiża 13 Gunju 1967 il-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq ċitat iridu jkunu tali li joħolqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiċċaw jgħixu "f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insapportabili l'abitazione e la vita comune."

20. Qabel xejn din il-Qorti tosserva illi l-fatt li l-attrici setghet qdiet id-dmirijiet kollha ta' mara mizzewga ma jeskludix wahdu li tista' tkun hatja wkoll ghat-tkissir taz-zwieg, u certament il-fatt li kienet tiehu hsieb liz-ziju tal-konvenut ma jistax lanqas jiskolpaha mill-htija ghall-firda. Kif tajjeb ikkonstatat l-ewwel Qorti, l-attrici ma ddejqitx tuza l-fatt li d-dar matrimonajli tappartjeni lill-familjari taghha bhala ghodda kontra zewgha biex tkeccih mid-dar kull meta kien ikollhom xi argument. Anke l-fatt illi

[8] Mhux eccessi, kif jghid il-konvenut fir-risposta tal-appell.

l-attrici ma riditx tmur tghix fil-proprjeta` tal-Wardija li l-partijiet kienu xtraw u rrangaw matul iz-zwieg, u minflok, insistiet li din tinbiegh u li l-partijiet jinvestu minflok fil-proprjeta` tal-familjari taghha li sussegwentement saret id-dar matrimonjali tal-partijiet, iservi biex tissottolineja d-dominanza tal-attrici fuq il-konvenut u ddghajjef it-tezi attrici dwar l-agir kontrollanti ta' zewgha. Din il-Qorti tinnota ulterjorment li d-dominanza tal-attrici tispikka mix-xhieda tal-konvenut meta dan iddeskriva kif martu kienet tarmilu l-ikel meta jkollhom xi jghidu u jkollu jmur jorqod bil-guh, ticcekkjalu t-telfon cellulari u ma thallihx iwiegeb telefonati gejjin min-numru li ma jidhirx ghax inkella taghmel storja, u kif kienet terga' ccempillu fuq il-linja fissa meta jghidilha li hu kien Burmarrad biex tikkonferma li verament qieghed hemm. Jghid li l-attrici kienet tikkontrolla lil min jistieden fid-dar ta' Burmarrad u jiddeskrivi wkoll kif, minhabba l-agir kontrollanti tal-attrici, kien ihoss li jrid jghaggel biex jasal id-dar ghax ikun sarlu l-hin. Skont il-konvenut, martu kienet tikkawzalu hafna ansjeta` b'din l-imgieba possessiva u ghajjura taghha.

21. Fl-isfond ta' dan kollu, din il-Qorti ma ghandha ebda rizervi biex tqis illi dan l-agir oppressiv tal-attrici fil-konfront ta' zewgha, fejn kienet tippretendi li tidderigi hi wahedha l-hajja tal-kontendenti, iddisturbat mhux ftit il-hajja konjugali tal-partijiet u, maghdud mieghu l-agir tal-konvenut, spicca rrenda il-hajja konjugali impossibbli.

22. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju tal-attrici huwa infondat u jimmerita li jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

23. It-tieni aggravju tal-attrici huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti kellha tillikwida u tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghal bin il-partijiet, talanqas ghal dak il-perijodu li kien ghadu minorreni ghaliex, ghalkemm ghalaq l-eta` maggorenni ftit xhur wara li giet intavolata l-kawza odjerna, mhux dejjem kellu impieg fiss u baqa' jghix mal-attrici.

24. Il-konvenut, filwaqt li jikkontendi li dan l-aggravju ma huwa msejjes fuq ebda bazi legali, isostni illi bin il-partijiet dejjem hadem u huwa kapaci jmantni lilu nnifsu.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

25. Din il-Qorti tibda billi tosserva illi l-provi dwar ic-cirkostanzi ta' bin il-partijiet huma tassew skarsi. Ghalkemm mill-atti jirrizulta li bin il-partijiet lahaq l-eta` maggorenni f'Jannar 2007[9], il-Qorti tinnota illi fir-

[9] Affidavit tal-attrici

rikors guramentat promotur[10] l-attrici ma accennat bl-ebda mod ghall-minuri jew ghall-htiega tal-hlas ta' manteniment ghalih. Infatti, permezz tat-tieni talba taghha fir-rikors promotur l-attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lilha dik ir-retta alimentarja skont il-ligi. Jirrizulta ulterjorment illi kien biss fin-nota guramentata taghha tas-7 ta' Settembru 2006 li l-attrici indikat li trid il-manteniment ghat-tifel tal-partijiet li kien sejjer jaghlaq l-eta` ta' tmintax-il sena erba' xhur wara, f'Jannar 2007. Sussegwentement, l-attrici pprezentat rikors fis-16 ta' Ottubru 2006 fejn ghall-ewwel darba talbet il-hlas ta' manteniment ghall-minuri, liema rikors gie degretat bis-sentenza appellata u t-talba relattiva giet michuda.

26. Din il-Qorti tosserva wkoll illi fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur il-konvenut eccepixxa illi l-minuri kien diga` qed jahdem mal-Millennia b'paga ta' Lm250 fix-xahar[11], filwaqt illi fix-xhieda tieghu sostna illi ibnu beda jahdem ta' sittax-il sena. Da parti taghha, l-attrici qatt ma nnegat illi meta intavolat il-kawza binha ma kienx diga` qed jahdem bi qligh u certament ma jirrizulta minn imkien li huwa kien kompla bl-istudji edukattivi tieghu wara li lahaq l-eta` maggorrenni.

---

[10] Ipprezentat fil-31 ta' Lulju 2006.
[11] Il-paga tal-konvenut fl-istess zmien kien ta' Lm287.93 fix-xahar.

27. In tema legali l-Artikolu 3B kif emendat bl-Att XIV tal-2011, jipprovdi illi:

> "3B. (1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.
>
> "(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:
>
> "(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew
>
> "(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Kap. 413 Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali."

28. Kif osserva tajjeb il-konvenut, il-ligi ma timponi ebda obbligu fuq il-genitur li jkompli jmantni lil uliedu li jkunu ghalqu l-eta` maggorenni u li ma jkunux involuti f'edukazzjoni *full-time*. Il-fatt li bin il-partijiet, li kjarament ma kienx baqa' jistudja ghaliex mix-xhieda tal-attrici stess jirrizulta li lanqas kien attenda ghal uhud mill-ezamijiet tal-O levels, mhux dejjem hadem wara li ghalaq l-eta` ta' tmintax-il sena ma jissarrafx f'xi obbligu legali fuq il-konvenut li jkompli jmantnih jekk ma jsibux riskontru d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3B(2)(b).

29. In kwantu ghall-ilment tal-attrici li kellu jigi likwidat manteniment ghal bin il-partijiet ghal dawk il-ftit xhur bejn it-talba ghall-hlas tal-manteniment ghall-minuri sakemm ghalaq l-eta` maggorenni, kif gia`

osservat l-attrici baqghet ma ddeskrivietx ic-cirkostanzi ta' binha u ma gabet ebda prova in sostenn tat-talba taghha lanqas meta rinfaccjata bl-eccezzjoni tal-konvenut li binha diga` jahdem u kien ilu jahdem minn mindu kellu 16-il sena.

30. Din il-Qorti tqis ghalhekk illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti li ma llikwidat ebda manteniment ghal bin il-partijiet hija wahda gusta u f'lokha u ma timmeritax li tigi disturbata. Ghaldaqstant it-tieni aggravju tal-attrici wkoll ghandu jigi michud.

*It-Tielet Aggravju*

31. L-attrici tfisser dan l-aggravju billi tghid illi hija ma taqbilx mal-likwidazzjoni u l-qsim tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti biss parzjalment u tillimita l-kontestazzjoni taghha fir-rigward ghas-segwenti aspetti tal-vertenza:- [i] il-benefikati li saru fil-fond 40, Triq Sant'Anglu, Zejtun, [ii] il-ftehim ta' vitikultura li sar bejn il-konvenut u Marsovin Limited; [iii] il-kera tal-fond Pinky's Nail Studio u; [iv] il-valur tal-benefikati fil-fond Paddock, Triq id-Dwieli, Burmarrad.

*Benefikati Fond Sant'Anglu, Zejtun*

32. Rigward il-benefikati li saru matul iz-zwieg fil-fond matrimonjali, l-attrici, filwaqt li ma tikkontestax il-valur tal-benefikati likwidat mill-ewwel Qorti, tikkontendi li l-hlas tas-somma rapprezentanti sehem il-konvenut minn dan il-kreditu tal-komunjoni tal-akkwisti ghandu jsir mhux minnha izda mis-sidien tal-proprjeta` in dizamina. Huwa evidenti li l-aggravju tal-attrici huwa limitat ghall-hlas ta' sehem il-konvenut minn dan il-kreditu izda inevitabbilment it-tezi tal-attrici hija fis-sens illi l-benefikati li saru matul iz-zwieg minn fondi tal-komunjoni saru fi proprjeta` li tappartjeni lil terzi li ghalhekk huma l-beneficcjarji tal-ameljoramenti li saru fil-fond.

33. Din il-Qorti tqis fir-rigward illi ghandha ssir distinzjoni f'dan il-kaz bejn il-benefikati li saru mill-fondi tal-komunjoni tal-akkwisti fil-fond matrimonjali u li jikkonsistu *inter alia* f' bini ta' garaxx, bini iehor, madum tal-art u tal-hajt, kamra tal-banju, kamra tal-bejt, kcina *built-in* u *fixtures* ohrajn, u dwak il-benefikati li jikkonsistu f'mobbli li facilment jistghu jitnehhew u ma jinghaqdux mal-fond. Fl-ewwel kaz, il-benefikati inevitabbilment jinghaqdu bhala rizultat tax-xoghol li sar, mal-proprjeta` bis-sahha tal-principju generali tal-jedd ta' accessjoni, liema jedd jopera sabiex il-prodott tax-xoghol jew spejjez li saru jmissu lis-sid tal-istess fond. Konformament mal-premess, huwa sid il-fond li jiehu l-beneficcju

ta' dawk ix-xoghlijiet li saru a spejjez tal-komunjoni tal-akkwisti. In propositu l-Artikolu 567 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:

> "Il-frottijiet naturali, tax-xogħol, jew ċivili jmissu, b'jedd ta' aċċessjoni, lis-sid tal-ħaġa li tagħtihom, bil-piż li jħallas l-ispejjeż li ħaddieħor ikun għamel sabiex il-ħaġa tagħti dawk il-frottijiet jew sabiex dawk il-frottijiet jiġu kkonservati".

34. In kwantu mbaghad ghall-jedd ta' accessjoni dwar hwejjeg immobbli, il-ligi hija cara fis-sens illi l-beneficcju tal-hwejjeg ossia benefikati li jinghaqdu mal-fond b'mod li ma jistghux jittiehdu lura minghajr ma jinqered ix-xoghol mibni, u li jkunu saru b'materjal ta' haddiehor f'dan il-kaz b'fondi tal-komunjoni tal-akkwisti, jigi percepit minn sid il-fond u huwa tabilhaqq l-istess sid li ghandu jhallas il-valur ta' dan ix-xoghol jew materjal. F'dan il-kaz huwa manifest illi x-xogholijiet saru fil-fond tal-familjari tal-attrici bil-kuntintezza ta' omm l-attrici li kienet tghix fl-istess fond mal-partijiet u ghalhekk saru in buona fede.

35. Ferm il-premess, u in linea mal-principju dwar il-jedd tal-accessjoni, il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-attrici ghandha thallas lill-konvenut sehemu minn dawn il-benefikati ghaliex qeghdha tgawdi l-benefikati hija stess ma hijiex korretta. Ghalkemm il-provi fir-rigward huma skarsi, ghaliex ma hemm ebda prova in atti dwar min huwa s-sid tal-fond, jekk hijiex omm l-attrici jew jekk l-attrici ghandhiex sehem mill-istess fond, din il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li l-attrici, tal-anqas

wahedha, hi s-sid il-fond. Ghaldaqstant, filwaqt li jirrizulta li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha kreditu fil-konfront tas-sid jew tas-sidien ta' dan il-fond, konsistenti fi spejjez inkorsi mill-assi tal-komunjoni sabiex saru l-benefikati, dak li tista' taghmel din il-Qorti hu li tiddikjara li l-ammont ta' dan il-kreditu jappartjeni liz-zewg partijiet fi kwoti indaqs bejniethom.

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh limitatament ghall-benefikati li nghaqdu mal-fond bil-jedd tal-accessjoni, filwaqt li ghal dawk il-benefikati li facilment jistghu jittiehdu lura jew jigu rimossi mill-fond gia` matrimonjali, ossia l-*appliances* kollha li m'humiex *built-in*, sodod u ghamara, stante illi l-jedd ta' accessjoni hawnhekk ma jsibx riskontru, din il-Qorti tosserva illi hawnhekk l-osservazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, cioe` li l-attrici qed tgawdi l-imsemmija benefikati, hija f'lokha. Din il-parti tas-sentenza appellata qed tigi konfermata bil-percizazzjoni li l-attrici ghandha taghti lill-konvenut is-somma ta' €2587 rapprezentanti nofs il-valur tal-mobbli li qed jigu stmati fl-ammont komplessiv ta' €5175.

*Il-Ftehim mal-Marsovin Limited*

37. Rigward il-ftehim maghmul mill-konvenut mal-kumpannija Marsovin Limited u l-pretensjoni tal-attrici dwar sehmha mill-frott li

ngabar mill-ghelieqi li jinsabu ghand il-konvenut taht titolu ta' qbiela, din il-Qorti ma ghandhiex wisq xi tghid. Kuntrarjament ghall-allegazzjoni li ghamlet l-attrici li ma ressqitx prova "ezatta" dwar il-qligh attwali, jirrizulta manifest mill-atti li l-attrici ma ressqet ebda prova kwalsiasi dwar il-qligh li seta' ppercepixxa l-konvenut minn dan il-ftehim u jekk dan il-ftehim baqax fis-sehh sad-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Hlief ghad-dikjarazzjoni tal-konvenut illi huwa thallas biss €40 taht dan il-ftehim, ma hemm ebda cifra ohra fl-atti. Senjatament, jigi osservat li l-attrici naqset milli tressaq rapprezentant tal-kumpannija Marsovin Limited biex jixhed dwar l-ammonti mhallsin lill-konvenut taht dan il-ftehim, u naqset ukoll milli tissostanzja l-pretensjoni taghha dwar il-frott li tghid li ngabar mill-ghelieqi li jinsabu ghand il-konvenut b'titolu ta' qbiela.

38. F'dawn ic-cirkostanzi, zgur mhux il-kaz li l-Qorti kellha tuza s-setgha diskrezzjonali taghha sabiex tillikwida somma abbazi ta' ezercizzju ekwitattiv, ghaliex huwa ben pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi l-likwidazzjoni ekwitattiva ghandha tigi applikata meta jkun difficli li mill-provi akkwiziti wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut, u mhux meta ma tressqu ebda provi kwalsiasi.

39. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju hija ghalhekk infondata u qed tigi michuda.

*Dwar il-fond Paddock, Triq id-Dwieli, Burmarrad,*

40. Dwar dan il-fond l-attrici tikkontendi li, billi hemm possibbilita` sostanzjali illi l-pozizzjoni legali tal-benefikati li saru f'dan il-fond tigi regolarizzata bil-hrug ta' permess mill-awtoritajiet, l-ewwel Qorti kellha tiehu qies tal-fatt illi f'tali eventwalita` is-sehem tal-attrici mill-valur tal-benefikati jizdied sostanzjalment, kif del resto konstatat mill-perit tekniku fir-rapport tieghu. Skont l-attrici, l-ewwel Qorti messha hadet qies tal-fatt illi f'kaz li dawn il-benefikati jigu sanati, il-valur jawmenta bis-somma ta' €181,000, u allura kellha ssir rizerva a favur taghha fis-sentenza appellata b'dan li f'din l-eventwalita`, hija tithallas sehemha mill-awment fil-valur.

41. L-ewwel Qorti osservat illi, filwaqt li hi ma tiddecidix abbazi ta' ipotesi jew probabbilita` futura, it-tentattivi tal-konvenut biex jigi sanzjonat il-fond in kwistjoni kollha fallew, tant illi hemm in vigore *enforcement notice* sabiex jitwaqqa' l-bini li sar.

42. Din l-Qorti tosserva illi l-perit tekniku, kif wara kollox gie inkarigat li jaghmel, assenja valur lix-xoghlijiet u spejjez li saru biex jinbena l-fond fuq l-art. Meta l-istess perit fir-rapport tieghu indika wkoll il-valur tal-fond fl-eventwalita` li l-izvilupp jigi kopert b'permess ta' zvilupp dan ghamlu biss, fi kliemu stess, bhala paragun. Din il-Qorti tosserva illi l-perit tekniku b'ebda mod ma rabat il-valur tal-benefikati bil-valur mizjud tal-proprjeta` fl-eventwalita` li l-izvilupp jigi kopert fil-futur b'permess tal-bini. Din il-Qorti tosserva li billi l-art li fuqha saru l-benefikati matul iz-zwieg hija parafernali tal-konvenut, l-attrici ghandha jedd biss ghal sehmha mill-valur tal-benefikati li saru fuq l-art ossia l-ispejjez li nhargu mill-fondi tal-komunjoni tal-akkwisti biex saru l-ameljoramenti f'din l-art, u ma ghandha ebda dritt ghal xi sehem mill-valur tal-art innifisha, lanqas il-valur tal-art maghdud maghha l-valur tal-izvilupp, ghaliex bis-sahha tal-jedd ta' accessjoni il-benefikati jinghaqdu mal-art a beneficcju tas-sid.

43. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju mhijex gustifikata u qed tigi michuda.

*Il-Fond Pinky's Nail Studio*

44. Dwar dan fond li hu parafernali tal-konvenut, l-attrici tilmenta mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li cahdet il-pretensjonijiet taghha ghal sehemha

mill-kera percepita mill-fond. L-ewwel Qorti ddecidiet illi, peress li l-kirja kienet ghal sena biss u din bdiet fis-sena 2004, il-kera mhallsa mill-inkwilin giet percepita waqt il-hajja mizzewwga bejn il-partijiet u ghalhekk il-pretensjoni tal-attrici ma tistax tigi akkolta.

45. Izda din il-Qorti ma taqbilx, u tqis illi dan l-aggravju ghandu mis-sewwa. Tosserva illi, ghalkemm skont il-konvenut ma saritx skrittura ta' lokazzjoni, u ghalkemm l-istess konvenut xehed[12] illi originarjament il-kirja kienet ghal sena biss u illi l-fond inkera versu hlas ta' kera fis-somma ta' Lm3 kuljum, fin-nota tieghu datata 7 ta' Dicembru 2009, il-konvenut issokta jghid: *"Issa hemm hanut zghir bl-isem Pinky's Nail Studio. Illi l-kerrej ghamel ameljoramenti fil-fond biex ikun jista' jopera u applika hu mal-MEPA (Dok. G[13])".*

46. Din il-Qorti tosserva wkoll illi l-konvenut, fid-depozizzjoni tieghu waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 2009, ikkonferma ulterjorment illi l-kirja ta' dan il-fond ghadha ghaddejja u dejjem baqghet l-istess, ossia l-kera baqghet Lm3 kuljum. Tqis ghalhekk illi talanqas sas-6 ta' Novembru 2009, hemm prova inekwivoka, konsistenti fl-istqarrija tal-konvenut innifsu, illi l-kirja ghalkemm originarjament setghet kienet ghal sena biss, giet effettivament imgedda u l-kera relattiva baqghet tithallas

[12] Affidavit tal-konvenut datat 20 ta' April 2007.
[13] Applikazzjoni datata 4 ta' Jannar 2005 ipprezentata minn David Tanti.

lill-konvenut. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali u tal-ewwel Qorti illi l-fond inkera ghal sena, u hija tal-fehma, anke fuq bazi ta' verosimiljanza, li l-kera tal-fond, li bis-sahha tal-Artikolu 1320(b) tal-Kodici Civili tidhol fil-komunjoni tal-akkwisti, baqghet tigi percepita mill-konvenut anke wara li huwa telaq mid-dar matrimonjali u l-konvivenza tal-partijiet spiccat.

47. Konformament mal-premess, u billi jirrizulta mill-provi illi l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali f'Jannar 2006, din il-Qorti tqis li l-kera kollha mhallsa lilu minn dik id-data sa Novembru 2009 ma ntuzatx mill-konvenut ghall-beneficcju tal-beni komuni u kwindi l-attrici hija intitolata ghal sehmha minn din il-kera. Billi l-konvenut ikkonferma wkoll illi l-kera baqghet l-istess, cioe` ta' Lm3 kuljum, din il-Qorti tqis illi sehem l-attrici mill-kera percepita mill-konvenut f'dan il-perijodu jammonta ghas-somma ta' Lm2,098.75[14] jew €4,888.76, liema ammont ghandu jithallas lilha mill-konvenut.

48. F'dan is-sens din il-parti ta' dan l-aggravju tal-attrici hija fondata u qed tigi milqugha.

[14] Total bi Lm3 kuljum ghal 46 xahar, ta' Lm4,197.50 jew €9,777.52.

**L-Aggravji tal-Appell Incidentali**

49. Din il-Qorti hija tal-fehma illi peress li z-zewg aggravji mressqin mill-konvenut huma intimament konnessi, dawn ghandhom jigu trattati flimkien.

50. Il-konvenut jikkontendi li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta meta illikwidat l-investiment li ghamlu l-partijiet fis-somma totali ta' Lm 50,000 percepiti mir-rikavat tal-bejgh tal-fond taghhom fil-Wardija matul iz-zwieg. Il-konvenut jilmenta bid-decizjoni fis-sentenza appellata li s-somma ta' Lm25,000 li giet likwidata u zbankata mill-attrici wara li l-partijiet isseparaw *de facto*, tigi assenjata in toto lill-attrici filwaqt illi lilu jigi assenjat biss il-bilanc ta' Lm11,000 li kien fadal wara li xtara l-vettura BMW 316 (FBM 358) fis-sena 2001.

51. Il-konvenut jilmenta wkoll illi, bhala parti minn din id-decizjoni, l-ewwel Qorti assenjat lilu l-vettura BMW 326 izda ma haditx in konsiderazzjoni d-deprezzament ta' din il-vettura li nxtrat fl-2001, u b'konsegwenza ta' hekk l-attrici giet iffavorita fil-likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni tal-akkwisti ghaliex lilha giet assenjata l-vettura Toyota HBA 626 bid-diprezzament. Il-konvenut jikkontendi illi l-ewwel Qorti messha ordnat il-bejgh fuq is-suq miftuh tal-vettura BMW FBN 358 bl-istess mod li ordnat il-bejgh tal-vetturi l-ohrajn u qasmet b'mod ugwali l-investiment

li ghamlu l-partijiet mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta` taghhom gewwa l-Wardija.

52. Din il-Qorti tosserva mill-ewwel illi l-konvenut ghandu ragun f'dan l-aggravju tieghu. Jirrizulta manifest illi ghalkemm il-vettura BMW inxtrat mis-sehem tal-konvenut mill-investiment percepit mill-bejgh tal-fond appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, inxtrat ukoll waqt iz-zwieg u ntuzat ghall-htigijiet u beneficcju tal-komunjoni. Ghalhekk ma tqisx illi huwa korrett li, filwaqt li l-attrici tigi assenjata l-vettura Toyota li wkoll inxtrat mill-assi tal-komunjoni, il-konvenut jigi assenjat din il-vettura bi tnaqqis dirett tal-prezz tax-xiri taghha minn sehmu mill-investiment fuq imsemmi minghajr ebda qies tad-deprezzament li garrbet l-istess vettura matul is-snin. Galadarba l-investiment ta' Lm50,000 sar waqt iz-zwieg minn assi tal-komunjoni tal-akkwisti u l-attrici giet assenjata precizament in-nofs ta' dan l-investiment, ossia s-somma ta' Lm25,000, liema somma hija del resto illikwidat u zbankat mhux ghall-htigijiet tal-familja, isegwi illi l-konvenut kellu jigi assenjat ukoll sehemu minn dan l-investiment, *multo magis* meta parti minn sehmu minn dan l-investiment evidentement giet investita fix-xiri ta' vettura li nzutat matul ben hames snin taz-zwieg.

53. Din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi, bl-istess mod li l-attrici giet assenjata l-vettura Toyota HBA 626 bl-obbligu li thallas nofs il-valur

taghha fuq is-suq lill-konvenut, il-konvenut kellu jigi assenjat il-vettura BMW taht l-istess kundizzjonijiet minghajr ebda tnaqqis minn sehmu mill-investiment fuq imsemmi. Tqis ghalhekk li dan l-aggravju huwa gustifikat u, mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet appena maghmula, hija tal-fehma illi l-bilanc rimanenti mill-investiment totali ta’ Lm50,000 ghandu jinqasam bejn il-partijiet b’mod ugwali, b’dan ukoll illi z-zewg vetturi fuq imsemmija jigu assenjati lill-partijiet rispettivament skont kif deciz mill-ewwel Qorti, bl-obbligu fuq kull parti li jhallsu lil xulxin nofs il-valur fuq is-suq illum tal-vettura assenjata lilhom. Dan ifisser illi s-somma tal-ekwivalenti ta’ Lm 25,000 intestat f’isem l-attrici u zbankat minnha ghall-uzu esklussiv taghha ghandu jigi maghdud mal-ekwivalenti tas-somma ta’ Lm11,000 ossia l-bilanc rimanenti tal-investiment intestat f’isem il-konvenut, u t-total ta’ Lm36,000 (€83,857.25) jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet u cioe` s-somma ta’ €41,928 kull wiehed. Il-konvenut ghandu ragun ukoll meta fl-appell incidentali tieghu isostni li galadarba l-attrici zbankat diga` s-somma ta’ €58,234, hija ghandha thallas lill-konvenut is-somma bilancjali ta’ €16,305.

54. Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-aggravji tal-konvenut huma gustifikati u qed jigu milqugha fis-sens illi, filwaqt li l-vettura BMW FBN 358 ghandha tigi assenjata lilu billi huwa jhallas lill-attrici nofs il-valur taghha fuq is-suq illum, l-attrici ghandha thallas lill-konvenut is-somma

ta' €16,305 in linea ta' sehmu mill-investiment totali li giet zbankata mill-istess attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tilqghu parzjalment u tirriforma s-sentenza appellata billi:

tirrevoka dik il-parti fejn ordnat lill-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' sebat elef tliet mija u sebgha u hamsin euro u hamsin centezmu (€7,357.50) rapprezentanti nofs il-valur tal-benefikati maghmula fil-fond 40, Triq Sant'Anglu, Zejtun u minflok, tiddidkjara li l-attrici m'ghandhiex thallas dan l-ammont ghar-rigward ta' dawn il-benefikati izda ghandha thallas lill-konvenut is-somma ta' elfejn hames mija sebgha u tmenin euro (€2587) rappreżentanti nofs il-valur tal-mobbli appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti.

In kwantu ghall-kera tal-fond Pinky's Nail Studio, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erbat elef tmien mija tmienja u tmenin euro u sitta u sebghin centezmu [€4,888.76] bhala sehmha mill-kera percepita minnu mill-istess fond u; ghall-bqija tichad l-appell principali.

In kwantu ghall-appell incidentali tal-konvenut, il-Qorti qeghda tilqghu u tirriforma s-sentenza appellata billi tordna lill-attrici thallas lill-konvenut

is-somma ta' sittax-il elf tlett mija u hames euro [€16,305] in linea ta' sehmu mill-investiment totali li giet zbankata mill-istess attrici, filwaqt li tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs il-valur tal-vettura BMW FBN 358 fuq stima tal-istess vettura fuq is-suq illum.

L-ispejjez tal-appell principali jkunu a kariku tal-partijiet f'sehem indaqs bejniethom, filwaqt illi dawk tal-appell incidentali ikunu a kariku tal-attrici esklussivament.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df